# QORTI ĊIVILI

## PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**DIGRIET FINALI**

**ILLUM 28 TA' APRIL 2021**

**Rikors nru 343/2021 RGM**

**Rikors ta' Joseph Vincent sive Jovan Mizzi fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur ta' Mizzi Group Limited u ta' Unitrade Limited a tenur tal-Artikolu 326 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**

**Fl-atti tas-subbasta nru 46/20 fl-ismijiet:-**

**Desmond Mizzi**

**Vs**

**Mizzi Group Limited**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Joseph Vincent Mizzi qua direttur ta' Mizzi Group Limited u ta' Unitrade Limited** tad-9 ta' April 2021 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jitlob li l-Qorti tordna t-twaqqif tas-subbasta fl-ismijiet premessi sakemm jintemm l-eżitu tal-proċeduri imsemmija fir-rikors.

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu appuntat ir-rikors imsemmi għas-smiegħ għas-26 ta' April 2021.

Rat ir-risposta ta' Desmond Mizzi tat-23 ta' April 2021 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi għar-rikors imsemmi.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u cioe' ta' Joseph Vincent Mizzi, ta' Desmond Mizzi u ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fl-udjenza tat-23 ta' April 2021.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet kamerali.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat;

Il-proċedura tas-subbasta immobbli numru 46/20 fl-ismijiet premessi, li tagħha Joseph Vincent Mizzi qed jitlob is-sospensjoni, ġiet istitwita b'rikors ta' Demond Mizzi tad-19 ta' Novembru 2020.

Desmond Mizzi irrefera:-

(1) għall-kuntratt pubbliku tal-25 ta' Ġunju 2008 li permezz tiegħu is-soċjeta' intimata Mizzi Group Limited, qua garanti tad-dejn dovut mis-soċjeta' Millenia Limited, ikkokstitwiet ruħha vera, ċerta u likwida debitriċi ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' €1,313,965.68;

(2) għall-kuntratt tat-18 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu l-intimat Desmond Mizzi ħallas lil HSBC Bank Malta p.l.c. is-somma ta' €1,501,139.28, rappreżentanti l-kreditu dovut lil HSBC Bank Malta p.l.c. kemm mis-soċjeta' Millenia Limited kif ukoll mis-soċjeta' Mizzi Group Limited, in forza ta' liema Desmond Mizzi ġie surrogat fid-drittijet ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fil-konfront sew ta' Mizzi Group Limited kif ukoll fil-konfront ta' Millenia Limited.

(3) għall-proċeduri tas-subbasta immobbli nru 81/2009 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Mizzi Group Ltd fejn Demond Mizzi qua kreditur eżekuttant xtara *animo compensandi* l-immobbli mertu ta' dik is-subbasta ghas-somma ta' €900,001 akkont tal-ammont lilu dovut in segwitu għall-ħlas b'surroga fuq imsemmi.

Desmond Mizzi jsostni illi mill-ammont lilu dovut in forza tal-kuntratt ta' ħlas b'surroga jonqsu jitħallas is-somma ta' circa €655,000 u għalhekk istitwixxa l-proċeduri odjerni wara li b'digriet tat-2 ta' Otturbu 2018 ġie mill-ġdid reż ezegwibbli t-titolu eżekuttiv tiegħu li huwa akkwista permezz tal-kuntratt ta' ħlas b'surroga fuq imsemmi.

Fit-12 ta' Jannar 2021 HSBC Bank Malta p.l.c. ippreżenta nota fl-atti tas-subbasta de quo fejn iddikjara li qed jidħol f'dawn il-proċeduri bħala Kreditriċi Ko-Eżekutanti stante li huwa kreditur ta' Mizzi Group Ltd fis-somma ta' €426,741.53, oltre imgħaxijiet ulterjuri, rappreżentanti bilanċi dovuti fuq żewġ kontijiet bankarji numri 089-037964-302 u 089-037964-305 rispettivament.

Permezz tar-rikors tad-9 ta' April 2021 Joseph Vincent Mizzi, qua direttur ta' Mizzi Group Limited u ta' Unitrade Limited qed jitlob is-sospensjoni tal-proċedura tas-subbasta fuq il-pretest illi lura fis-sena 2005 ir-rikorrent u Desmond Mizzi waslu fi ftehim li fost l-oħrajn kien jinkludi spartizzjoni tad-djun kif ukoll tal-assi. Skond dak il-ftehim l-immobbli mertu tal-kawża odjerna kien ser jiġi assenjat lil Joseph Vincent Mizzi.

Fit-22 ta' Awissu 2018 Joseph Vincent Mizzi istitwixxa kawża f'ismu proprju kif ukoll f'isem il-kumpaniji Mizzi Group Limited, Unitrade Limited u Millenia

Limited kontra Desmond Mizzi u żewġ kumpaniji tiegħu fejn l-atturi f'dik il-kawża qed jitolbu *inter alia* lill-Qorti:

- Tiddikjara illi permezz tal-ftehim tas-17 ta' Ġunju 2005 DM Holdings u Desmond Mizzi kienu assumew id-dejn li eventwalment Desmond Mizzi ħallas lill-HSBC Bank Malta p.l.c. bl-att tat-18 ta' Mejju 2010.
- Tiddikjara illi l-intimat Desmond Mizzi qatt ma seta jiġi surrogat fid-drittijiet ta' HSBC Bank Malta p.l.c.
- Tiddikjara illi permezz ta' dak il-ħlas id-dejn emanenti mill-overdraft u t-titolu eżekuttiv relattiv ġew estinti.
- Tordna r-rexxissjoni ta' dik il-parti tal-att tat-18 ta' Mejju 2010 illi jirrigwarda s-surroga
- Tordna r-rexxissjoni tal-bejgħ bl-irkant 81/09

Desmond Mizzi qed jopponi għal dan ir-rikors għaliex isostni li l-kawża numru 853/2018 MH ma tirrigwardax it-titolu eżekuttiv naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-25 ta' Ġunju 2008 iżda l-kuntratt li permezz tiegħu sar il-ħlas b'surroga, liema surroga qed tiġi kontestata u hija in parte l-mertu tal-kawża imsemmija. Isostni għalhekk illi fl-aħjar ipotesi għall-Joseph Mizzi, it-titolu eżekuttiv kontra Mizzi Group Limited hemm ser jibqa'.

Isemmi wkoll illi HSBC Bank Malta p.l.c. huma wkoll kredituri eżekutanti fis-subbasta odjerna u li diversi raġunijiet imressqa għas-sospensjoni tas-subbasta huma irrilevanti.

Ir-rapprezentant ta' HSBC Bank Malta p.l.c. issottometta waqt l-udjenza fuq imsemmija illi il-vertenza bejn Desmond Mizzi u Joseph Mizzi ma għandha l-ebda effett fuq it-titolu eżekuttiv li l-bank għandu fil-konfront tas-soċjeta' Mizzi Group Limited u li għalhekk il-bank qed jopponi t-talba għas-sospensjoni tas-subbasta fejn il-bank intervjena qua kreditur eżekutant.

Ikkonsidrat;

Fil-proċeduri odjerni hemm żewġ kredituri eżekutanti, Desmond Mizzi u HSBC Bank Malta p.l.c.

Il-bank HSBC Bank Malta p.l.c. b'nota tat-12 ta' Jannar 2021 daħal f'dawn il-proċeduri bħala "kreditriċi ko-eżekutanti", għas-somma ta' €426,741.53
Minn qari tar-rikors promotur kif ukoll tar-rikors ġuramentat li permezz tiegħu ġiet istitwita l-kawża fuq imsemmija, huwa evidenti illi filwaqt li r-rikorrent qed jikkontesta l-att li permezz tiegħu Desmond Mizzi ħallas b'surroga; mhux jikkontesta l-fatt li s-soċjeta' Mizzi Group Limited hi debitriċi tal-bank HSBC Bank Malta p.l.c. u li l-bank huwa munit b'titolu eżeuttiv sabiex jitħallas tal-ammont lilu dovut minn Mizz Group Limited.

Jidher ukoll, għalkemm mhux daqstant rilevanti, illi l-ammont li għadu dovut lill-bank eżekutant wara l-ħlas akkont effettwat minn Desmond Mizzi, huwa l-ammont li skond il-ftehim ta' bejn Desmond Mizzi u Joseph V Mizzi tas-sena 2005 kien l-ammont li kellu jħallas Joseph Mizzi. Ma tirriżulta l-ebda kontestazzjoni da parti ta' ħadd mill-partijiet involuti illi l-bank eżekutant huwa kreditur ta' Mizzi Group Limited.

Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għaliex il-kawża dwar il-validita' o meno tas-surroga favur Desmond Mizzi għandha tissospendi s-subbasta sabiex il-bank eżekutant jitħallas dak lilu dovut minn Mizzi Group Limited, liema kreditu bl-ebda mod ma hu effettwat bil-kawża pendenti fuq imsemmija. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda raġuni valida għaliex il-bank eżekutant għandu jistenna l-eżitu tal-kawża dwar is-surroga meta huwa evidenti illi kwalunkw eżitu f'dik il-kawża ma jistax jinnewtralizza l-kreditu munit b'titolu eżekuttiv tal-bank eżekutant.

**Artikolu 346 tal-Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

***(1) Kull kreditur ieħor jista' permezz ta' nota li tiġi notifikata lill-esekutant u lid-debitur, jidħol fl-atti tal-irkant bħala esekutant ieħor, u dan l-esekutant l-ieħor ikollu l-istess jeddijiet u obbligazzjonijiet daqslikieku kien l-esekutant oriġinali.***

***(2) Kull esekutant jista' jkompli l-atti tal-irkant indipendentement miċ-ċessjoni ta' kull esekutant ieħor jew mill-mewt tiegħu.***

Għal din ir-raġuni biss il-Qorti tqis illi r-rikors tad-9 ta' April 2021 għandu jiġi respint u dan għaliex anke jekk għas-saħħa tal-argument Desmond Mizzi kellu jirrinunzja għal dawn il-proċeduri tas-subbasta, il-bank eżekutant xorta għandu dritt li l-proċedura tas-subbasta tissokta. Waqt it-trattazzjoni kien evidenti illi l-bank eżekutant għadu jinsisti li dawn il-proċeduri jitkomplew u li m'għandu l-ebda intenzjoni li jirrinunzja għall-kreditu tiegħu kontra Mizzi Group Limited kopert b'titolu eżekuttiv.

**Decide**.

Permezz tar-rikors in dizamina r-rikorrenti ressaq talba waħda, u cioe' sabiex il-Qorti twaqqaf is-subbasta pendenti l-kawża fuq imsemmija. Stabbilit illi ma tresqux raġunijiet suffiċjenti sabiex il-Qorti tissospendi s-subbasta de quo tipprovdi kif ġej:

1. Tiċħad ir-rikors ta' Joseph Vincent Mizzi tad-9 ta' April 2021.

2. Bl-ispejjez kontra l-istess Joseph Vincent Mizzi.

Tordna l-prosegwiment tas-subbasta immobbli nru. 46/20

**Mogħti kameralment illum 28 ta' April 2021**

**Onor. Imħallef Robert G. Mangion**